KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

09 ta' Dicembru 2009

**Minuti tal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru 2009 fis-5.45pm.**

Din il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Railings fi Pjazza Sant'Anna kantuniera ma' Pjazza Robert Samut
2. Ghazla ta' Impjieg ta' Skrivan/a Part-time
3. Ghazla tal-Offerti: Drittijiet esklussivi ghal bejgh ta' xorb u ikel matul ic-celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Railings fi Pjazza Sant'Anna kantuniera ma' Pjazza Robert Samut

1.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni imsemmija hawn fuq fejn wara li l-Kunsill kien ha decizjoni xi snin ilu li jsiru dawn ir-railings huwa kien insista biex dawn isiru. Is-Sindku Nigel Holland kompla li irrizulta li wara li twahhlu dawn gew maqlugha wara decizjoni mill-maggoranza tal-Kunsilliera, li ma tinkludiex lilu, wara insistenza minn sid il-hanut li skond hu dawn qed itellfulu l-bejgh.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili stqarret li hi hadet l-inizjattiva li ccempel lil kunsilliera biex ikollha l-approvazzjoni biex dawn ir-railings jitnehhew wara li giet avvicinata minn sid il-hanut. Il-Kunsillier Sammut Hili sostniet li dawn ir-railings naqqas l-access ghall-hatt tal-merkanzija quddiem il-bieb tal-hanut.

1.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ikkonferma li l-motivazzjoni tal-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, msemmija fil-materja no. 1.1 kienet ugwali ghall-motivazzjoni tieghu.

1.4 Il-Kunsill qabel li minhabba l-inkonvenjent li holqu dawn ir-railings, dawn m'ghandhomx isiru.

1.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li xorta ghandu jikkonsidra soluzzjonijiet futuri ohra.

## 2.0 Ghazla ta' Impjieg ta' Skrivan/a Part-time

2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi spjega li qabel il-laqgha kien hemm l-intervisti u l-laqgha mill-Bord tal-Ghazla. Huwa informa lill-Kunsill li saru erba' intervisti filwaqt li spjega lill-Kunsill li wahda mill-applikanti kienet irtirat l-applikazzjoni taghha.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jinforma lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Borg tal-Ghazla hija li tintghazel is-Sinjura Silvyanne Zammit Bondin ghar-raguni li apparti li hi kwalifikata, u ghandha esperjenza fil-hidma tal-Kunsill peress li ghandha sitt snin esperjenza f'Kunsill Lokali iehor, hija kisbet l-aktar punti fit-test u l-intervista.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Floriana jimpjega lis-Sinjura Silvyanne Zammit Bondin bhala skrivana fi skala 15 part-time (mit-Tnejn sas-Sibt filghodijiet) ghar-ragunijiet imsemmija mill-Bord tal-Ghazla u indikati f'2.1 hawn fuq. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizulat ikun:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.4 Ghaldaqstant is-Sinjura Silvyanne Zammit Bondin ghandha tibda l-impjieg mal-Kunsill Lokali Floriana bhala skrivana fi skala 15 part-time min-nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 2009.

## 3.0 Ghazla tal-Offerti: Drittijiet esklussivi ghal bejgh ta' xorb u ikel matul ic-celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena

3.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi spjega li wara li l-Kunsill kien ghazel il-kuntrattur ghal din l-offerta kien jehtieg li l-ghotja tigi kkonfermata wara li l-kuntrattur kellu jissottometti pjanta li fuqha kellu jindika fejn ser jarma l-istands tal-ikel u xorb

**Nota: Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata minhabba li wahda mill-offerenti tal-offerta hija l-ex tfajla tan-neputi taghha u ghalhekk thoss li m'ghandhiex tippartecipa fid-diskussjoni.**

3.2 Wara li l-Kunsill iddiskuta t-talba tal-kuntratturi dwar il-pozizzjoni tal-istands tal-ikel, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex tkun ikkonfermata d-decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti biex il-Kuntratt tad-drittijiet esklussivi ghal bejgh ta' xorb u ikel matul ic-celebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena jinghata lis-Sinjuri Karl De Flavia u Caroline Galea, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Il-laqgha ntemmet fis-7.00pm.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv